MALTA

# QORTI TAL-APPELLI KRIMINALI (INFERJURI) MALTA

## S.T.O. PRIM IMHALLEF DE GAETANO VINCENT

Seduta ta' 28 ta' Ottubru, 2002

Appell Kriminali Numru. 155/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Muscat**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Muscat u Martin Tabone talli:

**1.** fit-28 ta’ Awissu, 2000 bil-hsieb li jiksbu ghalihom jew ghal haddiehor il-hlas ta’ flus ta’ sigurta` kontra r-riskji jew xi qligh iehor mhux misthoqq, iddistruggew, xerrdu ‘l hawn u ‘l hinn jew gharrqu b’xi mezz li jkun, u cioe` ghamlu *claim* lis-socjeta` Citadel Insurance PLC dwar hruq ta’ *speedboat* u l-mutur *outboard*, liema hruq sehh fil-lejl ta’ bejn is-26 u s-27 ta’ Awissu, 2000 ghall-habta tat-3.00 a.m., liema hruq sar waqt li d-dghajsa kienet marbuta fuq il-baga fejn il-pont ta’ Manoel Island, il-Gzira, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 295 tal-Kap. 9;

**2.** f'dawn il-Gzejjer, fit-28 ta' Awissu, 2000, bil-hsieb li jaghmlu delitt wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi b'mezzi kontra l-ligi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ippruvaw jaghmlu qligh ta' madwar Lm4000 billi ghamlu *claim* mas-socjeta` Citadel Insurance P.L.C. dwar hsarat fuq l-i*speedboat* u l-mutur *outboard*, u dan a dannu ta' l-istess socjeta` u persuni ohra, bi ksur ta' l-Artikoli 41(1), 308, 309 u 310(1) tal-Kap. 9;

**3.** f'Tas-Sliema nhar is-27 ta' Awissu, 2000 iddenunzjaw lill-Pulizija Ezekuttiva reat li kienu jafu li ma sarx, inkella bil-qerq holqu t-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar, u dan bi ksur ta' l-Artkolu 110(2) tal-Kap. 9;

**4.** <u>Joseph Muscat wahdu kien akkuzat</u> talli fis-27 ta' Awissu, 2000 halef il-falz quddiem Magistrat jew quddiem ufficjal iehor li ghandu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 108(1) tal-Kap. 9;

**5.** talli Joseph Muscat kiser il-provvedimenti ta' l-Artkolu 9 tal-Kap. 152 billi b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 26.02.1999 u 26.06.2000 huwa kien gie misjub hati ta' reati u liberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin u fi zmien tlett xhur rispettivament;

**6.** kif ukoll talli l-istess Muscat sar recidiv bi ksur ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5.06.1997 u 16.07.1997, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;[1]

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' Gunju, 2002 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Joseph Muscat hati skond l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, ikkundanntu ghall-piena ta'

[1] Kien hemm zewg imputazzjonijiet ohra, pero` li jirrigwardaw biss lil Martin Tabone. Il-kaz fil-konfront ta' dan Tabone gie deciz mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-20 ta' Lulju, 2001. Ara wkoll il-verbal ta' l-udjenza tas-7 ta' Mejju, 2001 (fol. 76) fejn hemm registrata l-ammissjoni ta' l-imsemmi Tabone, kif ukoll l-ordni ghas-separazzjoni tal-gudizzju.

prigunerija ta’ hmistax-il (15) xahar, kif ukoll ikkundannatu ghall-piena ta’ inetrdizzjoni generali kif ukoll interdizzjoni milli jservi bhala xhud (hlief quddiem il-Qrati ta’ Gustizzja) u bhala perit ghall-periodu ta’ hames snin; fl-ahharnett dik il-qorti ordnat il-pubblikazzjoni tas-sentenza fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Joseph Muscat, minnu ppresentat fit-28 ta’ Gunju, 2002, li permezz tieghu talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udenza tas-25 ta’ Ottubru, 2002; ikkunsidrat:

Ghandu jigi precizat, qabel xejn, li l-appellant odjern ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu fl-udjenza tat-3 ta’ Settembru, 2001, u dan meta kien legalment assistit minn avukat (ara fol. 79). L-appellant issa qieghed jikkontendi (**1**) li l-ewwel qorti ma setghetx tiddikjarah hati skond it-tieni imputazzjoni; (**2**) dwar l-ewwel imputazzjoni l-appellant jghid espressament: *“Illi ghalhekk il-claim li ghamel l-appellant ma wasslitx sabiex l-appellant akkwista xi flus u ghalhekk il-Qorti, ghalkemm ghandha quddiema ammissjoni dwar ir-reat ai termini tal-Artikolu 295, trid tikkunsidra dan kollu u tmur fil-minimu li tippermetti l-ligi fl-istess disposizzjoni meta ma jimmaterjalizzax il-hsieb tieghu”*; u (**3**) l-appellant jilmenta wkoll dwar il-piena in generali.

Frankament, dwar it-tieni aggravju, din il-Qorti ssibha difficli tifhem ezattament x’qed jipprova jghid l-appellant. Imkien fis-sentenza appellata ma hemm xi indikazzoni li l-ewwel qorti, meta giet biex tikkunsidra jew tapplika l-piena ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 295 tal-Kodici Kriminali -- cioe` r-reat ta’ frodi dwar sigurta` -- hadet in konsiderazzjoni l-parametri ta’ “minn sitt xhur sa tmintax-il xahar” minflok il-parametri ta’ “minn hames xhur sa sena”[2]. Thares kif thares lejn il-kaz, pero` dejjem wara li wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-antecedenti penali ta’ l-appellant, ma hemm xejn li jista’ jissuggerixxi lil din il-Qorti

[2] S’intendi, il-Qorti qed tirreferi hawnhekk ghall-pieni kif kienu qabel l-emendi introdotti bl-Att III tal-2002, b’effett mill-1 ta’ Mejju, 2002.

li l-ewwel qorti applikat xi piena hazina, u dan apparti dak li ser jinghad aktar 'l quddiem dwar l-aggravju fuq il-piena.

L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li, minkejja l-ammissjoni tieghu, hu ma kellux jigi dikjarat hati tar-reat ta' tentattiv ta' truffa (it-tieni imputazzjoni). Din il-Qorti ma taqbilx. Bejn ir-reat ta' frodi dwar sigurta` (isehh jew ma jsehhx il-hsieb ta' l-agent) (Art. 295) u dak ta' truffa jew tentattiv ta' truffa (Art. 308) ma hemm ebda konkors formali jew ideali ta' reati[3], u dana peress li l-ewwel reat jikkonkretizza ruhhu malli l-agent jaghmel l-att materjali bi hsieb ta' qligh <u>irrispettivament minn jekk il-qligh ikunx sehh jew le, u ghalhekk indipendentement ukoll minn jekk l-agent ikunx ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' xi reat iehor intiz proprju biex ikun jista' jsehh dak il-qligh</u>. Fi kliem il-gurista Francesco Antolisei:

**Scopo della incriminazione e` di tutelare contro comportamenti truffaldini la funzione assicurativa. Per meglio garantirne la difesa, anzi, la legge non richiede che l'agente abbia conseguito l'intento, e cioe` che sia riuscito a frodare l'assicuratore, riscuotendo l'indennita`, che impropriamente e` indicata nella norma con l'espressione "prezzo dell'assicurazione"; basta che abbia compiuto per quel fine le azioni descritte della norma. Trattasi, percio`, di un delitto a consumazione anticipata.**[4]

Ir-reat ta' tentattiv ta' truffa beda javvera ruhhu biss mill-mument li saret il-*claim* mas-socjeta` assiguratrici; il-hruq ta' l-i*speedboat* u tal-mutur kienu, ghall-finijiet tar-reat ta' truffa, biss att preparatorju[5]. Fil-kaz in dizamina kien hemm certament, bejn ir-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni u dak ipotizzat fit-tieni imputazzjoni in ness

---

[3] Ara, a propositu ta' konkors formali ta' reati, ***Il-Pulizija v. Emanuel Tabone*** App. Krim. 26 ta' Awissu, 1998.

[4] Antolisei, F., **Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I**, Giuffre` (Milano), 1986, p. 312. Id-disposizzjoni li ghaliha qed jirreferi l-awtur – l-Artikolu 642 tal-Kodici Penali Taljan – tghid hekk "…al fine di conseguire per se` o per altri il prezzo di una assicurazione contro infortuni, distrugge, disperde, deteriora od acculta cose di sua prorieta`…".

[5] F'dan is-sens kienet superfluwa, ghall-fini ta' imputazzjoni li tipotizza r-reat taht l-Artikolu 295, dik il-parti ta' l-istess imputazzjoni li tghid li Muscat u Tabone ghamlu "*claim* lis-socjeta` Citadel Insurance".

ta' mezz ghall-fini ravvizat fil-paragrafu (h) ta' l-Artikolu 17 tal-Kodici Kriminali. Pero` dan iwassal biss ghal assorbiment fil-piena u mhux ghal xi dikjarazzjoni li kien hemm reat wiehed. F'dan il-kaz kien hemm konkors <u>materjali</u> ta' reati; u ghalhekk ma kienitx korretta l-ewwel qorti meta, fis-sentenza taghha, irriferiet ghall-"unicita` tar-reati stante li whud mir-reati jemanu mill-istess fatti". L-Artikolu 17 imkien ma jikkontempla l-konkors formali jew ideali tar-reat; dana l-artikolu jikkontempla biss konkorsi materjali ta' reati u l-konsegwenti konkors, u f'certu kazijiet assorbiment, ta' pieni. Fi kliem iehor, kienet perfettament korretta l-ewwel qorti meta ddikjarat lill-appellant, allura imputat, hati kemm skond l-ewwel kif ukoll skond it-tieni imputazzjoni.

Kwantu ghall-piena, ftit li xejn ghandha xi tghid din il-Qorti. Huwa veru li hemm *pre-sentencing inquiry report* datat 3 ta' Settembru, 2001 li fih l-Ufficjal tal-Probation issuggeriet sentenza sospiza b'ordni ta' supervizjoni. Huwa evidenti, pero`, li l-imsemmija ufficjal ma tafx il-ligi bizzejjed, ghax sentenza sospiza ma tistax tinghata meta, fost kazijiet ohra, ir-reat ikun sar fil-periodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni skond il-Kap. 152 jew meta l-ikkundannat ikun recidiv fit-termini tal-Artikolu 50 tal-Kodici Kriminali (Art. 28A(7)(b)(c)) , bhalma gara fil-kaz odjern (ara l-imputazzjonijiet numru 5 u 6). Kif tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentenza taghha:

**…l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li l-imputat ikkommetta r-reati in dizamina fil-periodu operattiv tal-liberta` kondizzjonata akkordata lilu minn din il-Qorti permezz ta' sentenza datata 26 ta' Frar, 1999 fejn l-imputat kien gie misjub hati proprju tal-istess reati li qed jigi misjub hati taghhom illum, u cioe` r-reat ta' simulazzjoni ta' reat u r-reat ta' frodi dwar sigurta`. Dak in-nhar din il-Qorti (diversament presjeduta) kienet hanina mieghu u kienet akkordatlu l-liberta` kondizzjonata ghall-periodu ta' tlett snin. Izda l-imputat naqas li jiehu din l-opportunita` u juzufruwixxi mill-beneficcju li kienet taghtu din il-Qorti dak in-nhar. Di fatti huwa rega' kkommetta l-istess reati fil-periodu operattiv, u di piu` zied id-doza ta' attivita` kriminuza**

**tieghu billi f'dan il-kaz kkommetta wkoll ir-reat ta' gurament falz. Dan il-komportament ghandu jimporta piena karcerarja sabiex iservi bhala deterrent adegwat u effettiv ghall-futur.**

Din il-Qorti zzid tghid li qed tinnota li f'certi kazijiet qed jigu kummissjunati *pre-sentencing inquiry reports* <u>bla bzonn</u>, fis-sens li mill-fedina penali biss ta' dak li jkun ikun ovvju li l-kaz li jkollha quddiemha dik il-qorti jkun jimmerita (s'intendi, wara s-sejbien ta' htija) piena karcerarja b'effett immedjat. Dan qed jinghad, ghax mill-istatistika pubblikata jidher car li l-Ufficjali tal-*Probation* fid-Dipartiment tal-*Probation* ghandhom bhalissa *workload* (f'termini ta' Ordnijiet ta' *Probation* u Ordnijiet ta' Supervizjoni) ferm aktar milli jistghu ragjonevolment ilahhqu mieghu. U ghalhekk ma huwiex gust li, fuq semplici talba tad-difiza, hafna drabi intiza, bhalma kien f'dan il-kaz, biex iggebbed iz-zminijiet, jinhela z-zmien taghhom f'rapporti bhal dak li hemm fl-atti ta' din il-kawza.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Tordna l-pubblikazzjoni ta' din is-sentenza fil-Gazzetta tal-Gvern ghall-finijiet u effetti kollha tal-Artikolu 10(7) tal-Kap. 9

Paul Miruzzi
Asst. Registratur